MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru 111/2012

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali li fih talab li jkun revokat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet 'Sean Grima vs Il-Kummissarju tal-Pulizija' mogħti fis-17 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti ordnat il-ħelsien mill-arrest tal-imputat Sean Grima 'mingħajr kundizzjonijiet' ai termini tal-artikolu 412B u minflok, wara li tiddikjara li l-arrest tiegħu kien wieħed legali, tordna l-arrest mill-ġdid u l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tal-istess imputat.

2. Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

Ikkonsidrat.

3. Qabel xejn ikun ippreċiżat li d-digriet tas-17 ta' Mejju, 2012, waqt li ordna r-rialxx tal-imputat, ikkonferma il-kundizzjonijiet elenkati fl-imsemmi digriet mogħtija fid-9 ta' Mejju 2011' Jiġifieri li fil-preżent, l-imputat huwa marbut li

josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-9 ta' Mejju, 2011 u mhux qiegħed liberu u bla kondizzjonijiet.

4. Wara dan il-punt li ċċara x'kien deċiż fis-17 ta' Mejju 2012, il-Qorti ser teżamina t-tliet sitwazzjonijiet li tikkontempla l-Liġi dwar ir-riarrest. Dawn huma:

(a) Taħt l-artikolu 578: Hawn l-imputat ikun meħlus mill-arrest iżda l-Pulizija u l-Avukat Ġenerali jistgħu jagħmlu talba sabiex titneħħa l-liberta' proviżżorja. Il-Qorti tisma' lill-imputat u imbagħad tista' tordna r-riarrest tiegħu. F'din is-sitwazzjoni, it-talba mill-Prosekuzzjoni hija waħda mandatorja u loġikament bil-fors trid issir għaliex il-Qorti ma tkunx taf jekk l-ordnijiet tagħha inkisrux jew le. Dawn l-imputazzjonijiet ikunu dwar x'ġara barra l-Awla u mhux ġewwa.

(b) Taħt l-artikolu 579(2)(3). Dawn is-subinċiżi ddaħħlu fis-sena 2006 permezz tal-Att XVI. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Leġislazzjoni Maltija, il-Leġislatur ħoloq ir-reat dwar nuqqas ta' ħarsien tal-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija. It-tielet subinċiż jiddisponi li l-persuna għandha titressaq il-Qorti taħt arrest.

Il-proċedimenti għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti. Il-prattika hija li dawn il-proċeduri jsiru quddiem il-Maġistrat tal-Għassa. Fis-sitwazzjoni kkontemplata fis-subinċiż (2), l-imputat qed jiffaċċja akkuża ta' sitt xhur priġunerija jew għal piena ta' multa jew it-tnejn flimkien. Għalhekk m'hemmx dubju li l-imputat qed jiffaċċja 'a criminal charge' speċjalment minħabba li l-piena massima hija ta' sitt xhur priġunerija. Isegwi li jekk il-Prosekuzzjoni tmexxi b'imputazzjoni ta' ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9, l-imputat għandu jgawdi l-garanziji tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

(ċ) Taħt l-artikolu 579(1). Dan is-subinċiż –li kien għadu waħdu sa l-Att XVI tas-sena 2006 – jikkontempla diversi sitwazzjonijiet, fosthom jekk l-imputat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorita' msemmija. Huwa dan is-subiniċiż li

japplika għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum. Fid-9 ta' Mejju 2011, kien hemm l-ordni ta' Qorti tal-Maġistrati li tat il-liberta' proviżorja bil-kundizzjonijiet standard u fost il-kundizzjonijiet kien hemm waħda li turbot lill- jidher il-Qorti. Mill-atti jirriżulta li fis-7 ta' Mejju, 2012 l-imputat ma deherx minkejja li kien hemm referta pożittiva.

5. Mill-paragrafu t'hawn fuq immarkat (ċ), jirriżulta dan li ġej:

(a) Fl-artikolu 579(1) tal-Kap 9 il-Liġi tipprovdi għar-riarrest tal-imputat meta jonqos li jobdi ordni tal-Qorti. Dan huwa in linea ma' dak li tgħid il-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-artikolu 5(1)(b) li jgħid hekk:

's'il fait d'objet d'une arrestation regulieres pour insoumission a' une ordonnance rendue, conformement a la loi, par un tribunal …….'

(b) Li f'dan il-każ, m'hemm ebda bżonn ta' talba tal-Prosekuzzjoni bħalma hemm ipprovdut taħt l-artikolu 578.

(ċ) Li l-imputat kiser l-ordni tal-istess Qorti li tat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest. Din il-Qorti kienet taf tajjeb dwar kif sejjer il-każ kif jidher minn diversi verbali indirizzati lid-difiża.. Jidher ukoll mid-diferriment qasir mogħti fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2012.

(d) Id-difiża tissottometti li l-Qorti ma kellha ebda dritt tagħmel dan bla ma tisma' lill-imputat għax ikun qed jinkiser il-prinċipju ta' 'audi alteram partem.' Bir-rispett kollu, il-Qorti għandu jkollha regoli b'saħħithom biżżejjed f'idejha biex il-proċeduri jimxu kif tara li jinħtieġ hi. Mill-atti jirriżulta li fis-7 ta' Mejju 2012 dehret biss il-Prosekutriċi u ħadd aktar – la l-imputat u lanqas xi avukat li seta' ddefendih. Il-Qorti mhix qed tagħti tort lill-avukati li dehru quddiemha llum għax kien biss fis-16 ta' Mejju 2012 li dawn assumew il-patroċinju.

(e) L-argument ewlieni ta' l-abbli avukati difensuri huwa li l-Qorti, qabel tat id-digriet, imissha semgħet lill-imputat.

Dan l-argument huwa żbaljat. Hawn si tratta ta’ dixxiplina fil-proċedura quddiem il-Qorti għax l-assenza tal-imputat seħħet quddiem il-Qorti. Il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem diġa’ ddistingwiet f’każi ta’ oltraġġ għall-Qorti. Il-Qorti għażlet bejn fejn kien hemm tgħajjir dirett għall-ġudikant (Kyprianou vs Cyprus 15 ta’ Diċembru 2005) u bejn fejn hemm biss dixxiplina fit-tmexxija tal-Awla f’Qorti (Putz vs Austria 22 ta’ Frar 1996).. Fl-ewwel sitwazzjoni l-każ ikun irid jinstema’ minn ħadd ieħor iżda f’tat-tieni dan m’hemm bżonnu xejn.

(f) Il-każ ta’ llum huwa ksur tal-ordni tal-Qorti in faciem curiae – l-imputat qabad u ma deherx. Lanqas biss ma kien ippreżentat xi ċertifikat ta’ mard u lanqas ma deher xi membru tal-familja biex jiġġustifika l-assenza tal-imputat. F’każ bħal dan, il-Qorti m’għandha ebda obbligu li toqgħod tisma’ ‘l dak u ‘l ieħor. U xi jsir jekk imputat jaqbad u jaħrab minn Malta? Ma toħroġ ebda ordni qabel dan ikun instema’? S’intendi huwa f’idejn il-Qorti li tiddeċiedi safejn taħseb li għandha tasal - jekk l-imputat għandux jinġieb b’mandat t’arrest fis-seduta ta’ wara jew inkella tmurx oltre dan billi tneħħi l-liberta’ proviżorja. .

(g) Fil-każ ta’ Malta id-dixxiplina dwar id-dehra ta’ imputat fil-Qorti hija aktar importanti minħabba li skont il-Kodiċi Kriminali u skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-imputat mhux biss għandu dritt li jkun notifikat bis-seduta iżda wkoll li jkun preżenti waqt il-proċeduri. Jekk hu jassenti ruħu (barra matul xi kumpilazzjoni), il-każ ma jistax jimxi. Irid ikun preżenti saħansitra waqt il-qari tas-sentenza għaliex jekk din tinqara fl-assenza tiegħu, din tkun nulla. Ġaladarba d-dritt tal-imputat huwa daqshekk qawwi, il-Qorti ma jistax ikollha dixxiplina dgħajfa għax inkella kulma jrid jagħmel imputat huwa li jara kif jassenti ruħu. Din is-sitwazzjoni tista’ tinbidel biss jekk, skont il-Liġi, ikun biżżejjed li imputat ikun notifikat biss. Iżda dan ikun jinħtieġ emenda kemm fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Kap 9.

(h) Barra minn dan, kuntrarjament ukoll għal dak li jaħseb kulħadd, l-artikolu 6 mhux bil-fors jgħodd għal kwalunkwe sitwazzjoni li għandha x’taqsam mal-Liġi Kriminali. Per

eżempju, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem konsistentement qieset li l-artikolu 6 ma japplikax għall-proċeduri ta' Estradizzjoni imqar jekk il-Qrati tagħna jaħsbuha mod ieħor. L-istess Qorti ddeċidiet li l-artikolu 6 ma japplikax għal European Warrant of Arrest (7 t'Ottubru 2008 Monedoro Angora v Spain) waqt li l-Kummissjoni Ewropea kienet qalet li l-artikolu 6 ma japplikax fejn jidħol il-bail (Ara 'Il-Pulizija vs Geffrey Cassar- Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Digriet tal-25 ta' Mejju 2009 X vs Switzerland 7648/76 DR 11 page 175 et seq). Artikoli oħra jelenkaw fid-dettall fejn l-artikolu 6 mhux applikabbli għal diversi proċeduri kriminali anċillari. Għalhekk l-argument ta' nuqqas ta' due process jew li qed jinkiser il-prinċipju 'audi alteram partem' m'għandu ebda bażi fil-proċeduri ta' llum li huma dwar it-telfien tal-liberta' proviżorja.

(i) Isegwi wkoll li jekk xi Qorti tkun ordnat ir-riarrest, allura l-każ għandu jinstema' **malajr kemm jista' jkun.**

**Konklużjoni**

6. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi kif ġej:

(a) Ir-riarrest li ordnat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Mejju, 2012 huwa legali ai termini tal-artikolu 579(1) tal-Kap 9.

(b) Qed tirrevoka id-digriet mogħti fis-17 ta' Mejju, 2012 f'dik il-parti fejn iddecidiet li r-riarrest ordnat fis-7 ta' Mejju 2012 huwa wieħed illegali u fejn ordnat ir-rilaxx tal-imputat waqt li poġġietu taħt l-istess kundizzjonijiet li kien qabel.

(ċ) Qed tordna r-riarrest tal-imputat sa nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2012 għal meta hija ffissata s-seduta li jmiss. Imbagħad ikun għall-Qorti li għandu jidher quddiemha tikkonsidrax terġa' tagħti l-liberta' proviżorja. Dan jista' jerġa' jingħata minkejja dak li jgħid l-artikolu 581 tal-Kap 9 li diġa' kien iddikjarat anti-kostituzzjonali. Il-fatt li ma sarux emendi għal dan l-artikolu ma jfissirx li għadu tassattiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------